TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 63/15-F

Angela Maria Grech
Vs
West Wood Co. Ltd.

Illum, 15 ta' Marzu, 2016

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-30 ta' Marzu, 2015, fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' elf tliet mija u ħames Ewro u wieħed u disgħin ċenteżmi (€1305.91) rappreżentanti prezz ta' *parquet* li tpoġġa fid-dar tagħhom, liema *parquet* kien difettuż.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta intimata, u kif ukoll it-Tribunal qabbad espert f'dan il-każ li huwa l-espert tekniku Vincent E. Ċiliberti u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Irriżulta illi l-parquet li tpoġġa oriġinarjament kien nieqes mil-livell rikjest skond is-sena u l-arti, kif ukoll dan il-parquet beda jitqaxxar.

It-Tribunal ta l-opportunita'lil intimat sabiex jipprova jsewwi pero' minkejja li sar dan l-eżerċizzju u nqalgħu partijiet ħziena u tpoġġew partijiet ġodda kien hemm problema bil-kulur.

Minkejja li l-intimat talab aktar żmien sabiex l-affarijiet jitranġaw, it-Tribunal ċaħad din it-talba u dan minħabba l-fatt li l-kawża ilha għadejja u l-intimat kellu biżżejjed żmien sabiex jirranġa s-sitwazzjoni.

It-Tribunal qed jinnota u jikkonkludi illi veru baqa' difetti minkejja li saru t-tiswijiet.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qiegħed jiddeċiedi li jaqta' d-deċiżjoni in parte u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' sitt mitt Ewro (€600) bl-ispejjes kontra l-istess soċjeta' intimata, kif ukoll tħallas l-ispejjes ta'l-espert tekniku.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**